



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 10.11.2011
KUMM(2011) 725 finali

2011/0324 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar il-kummerċ ta' partijiet u komponenti ta' vetturi bil-mutur bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fil-kuntest tal-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa mal-WTO, tqajjem tħassib dwar l-impatt tar-reġim Russu għall-investment fis-settur awtomobilistiku, kif emendat fl-24 ta' Diċembru 2010. Jekk jilhqgħu l-obbligu li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kontenut lokali u ta' lokalizzazzjoni oħra, il-programm ta' investment awtomobilistiku lill-investituri li jistabbilixxu faċilitajiet għall-produzzjoni tal-karozzi fil-Federazzjoni Russa joffrilhom dazji doganali mraħħsa fuq l-importazzjonijiet ta' partijiet u komponenti tal-karozzi. Skont it-termini miftehma tal-adeżjoni tar-Russja, dan il-programm ta' investment awtomobilistiku se jkun eżenti mill-obbligu tal-Federazzjoni Russa li jiġi żgurat li l-liġijiet, ir-regolamenti u miżuri oħrajn kollha applikati fil-Federazzjoni Russa b'rabta mal-miżuri tal-investment relatati mal-kummerċ huma konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tad-WTO, inkluż il-Ftehim dwar Miżuri ta' Investment Relatati mal-Kummerċ (Ftehim TRIMS) sal-1 ta' Lulju 2018. Sabiex jitnaqqas ir-riskju li dan ir-reġim ta' investment iwassal għal delokalizzazzjoni tal-produzzjoni ta' partijiet u komponenti ta' vetturi bil-mutur mill-UE matul dan il-perjodu tranżitorju, il-Kummissjoni Ewropea nnegozjat Ftehim bilaterali mal-Federazzjoni Russa dwar il-partijiet u l-vetturi bil-mutur bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa (minn issa 'l quddiem il-"Ftehim").

L-għan tal-Ftehim hu li jistabbilixxi mekkaniżmu kumpensatorju biex jiżgura li l-esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea lejn il-Federazzjoni Russa ta' partijiet u komponenti ta' vetturi bil-mutur mill-UE ma jonqsux minħabba l-applikazzjoni tal-programm ta' investment awtomobilistiku stabbilit fl-Ordni Nru 73/81/58n tal-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku u l-Kummerċ tal-Federazzjoni Russa, il-Ministeru tal-Enerġija u l-Industrija tal-Federazzjoni Russa u l-Ministeru tal-Finanzi tal-Federazzjoni Russa tal-15 ta' April 2005 dwar l-Approvazzjoni tal-Proċedura li Tiddetermina l-Kunċett ta' "immuntar industrijali" u li Tistabbilixxi l-Applikazzjoni tal-Kunċett fl-Importazzjoni fit-Territorju tal-Federazzjoni Russa tal-Komponenti ta' Muturi għall-Manifattura ta' Vetturi bil-Mutur għat-Trasport tal-Intestaturi 8701-8705 tas-CCFEA u l-Unitajiet u s-Settijiet tagħhom, kif emendati bl-Ordni Nru 678/1289/184n tal-24 ta' Diċembru 2010.

Il-Ftehim jipprevedi li jekk l-esportazzjonijiet tal-UE ta' daww il-partijiet u komponenti lejn il-Federazzjoni Russa jonqsu, il-Federazzjoni Russa għandha tippermetti l-importazzjoni ta' partijiet u komponenti li joriġinaw mill-UE b'dazji doganali tal-importazzjoni mraħħsa fi kwantitajiet ugwali għat-tnaqqis tal-esportazzjoni tal-UE. Il-mekkaniżmu jibda japplika ma' tnaqqis ta' 3 % fl-esportazzjonijiet tal-UE matul perjodu ta' 12-il xahar meta mqabbel ma' livell limitu bbażat fuq il-valur tal-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Federazzjoni Russa fl-2010. Jekk il-mekkaniżmu kumpensatorju jinbeda, dan ikun japplika għal minimu ta' 12-il xahar u jiġi rivedut kif meħtieġ kull 12-il xahar wara. F'ċirkustanzi ekonomiċi eċċezzjonali, meqjusa skont tnaqqis sinifikanti fin-numru totali ta' bejgħ ta' karozzi ġodda fil-Federazzjoni Russa, fis-sena fejn ikun inbeda l-mekkaniżmu meta mqabbla mas-sena preċedenti, hekk kif definit fil-ftehim, il-mekkaniżmu kumpensatorju ma jkunx japplika. Il-Federazzjoni Russa tagħti l-kwota kumpensatorja permezz ta' sistema ta' liċenzjar tal-importazzjonijiet. Fejn il-kwota kumpensatorja tiġi użata minn daww l-investituri li jkun kkonkludew ftehimiet tal-investment skont il-programm tal-investment awtomobilistiku, tali importazzjonijiet jistgħu jitnaqqsu mill-produzzjoni ġenerali ta' kull sena minn daww l-investituri f'sena partikolari, li għaliha jkun japplika r-rekwiżit ġenerali ta' kontenut lokali tal-programm ta' investment awtomobilistiku.

Sabiex tiġi żgurata l-operazzjoni effettiva tal-mekkaniżmu previst fil-Ftehim sad-data li fiha l-Federazzjoni Russa taderixxi mad-WTO, il-Ftehim għandu jiġi applikat provviżorjament minn dik id-data.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar il-kummerċ ta' partijiet u komponenti ta' vetturi bil-mutur bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill XXX ta' [...] ¹, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar il-kummerċ tal-partijiet u l-komponenti tal-vetturi bil-mutur bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa, ġie ffirmat fi [...], soġġett għall-konklużjoni tiegħu aktar tard.
- (2) Il-Ftehim ġie nnegożjat u ffirmat fir-rigward tal-importanza ekonomika għall-Unjoni Ewropea tal-esportazzjonijiet ta' vetturi bil-mutur u l-partijiet u l-komponenti tagħhom lejn il-Federazzjoni Russa.
- (3) Il-Ftehim għandu jkun approvat f'isem l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar il-kummerċ ta' partijiet u komponenti ta' vetturi bil-mutur bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

¹ ĠU L [...], [...], p. [...].

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna li għandha s-setgħa li, f'isem l-Unjoni Ewropea, tkompli tagħmel in-notifika prevista f'dan il-Ftehim sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tkun marbuta b'dan il-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

IL-FTEHIM

bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar il-kummerċ ta' partijiet u komponenti ta' vetturi bil-mutur bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa

L-Unjoni Ewropea, minn naħa, u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra,

JIRRIKONOXxu x-xewqa komuni li jiġu żgħarti flussi stabbli tal-kummerċ ta' partijiet u komponenti tal-vetturi bil-mutur kif definiti fl-Annessi 1 u 2 ta' dan il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa wara l-introduzzjoni tar-reġim tal-investiment il-ġdid fis-settur awtomobilistiku li l-Federazzjoni Russa adottat fl-24 ta' Diċembru 2010;

JENFASIZZAW li huma lesti li jiżguraw kooperazzjoni effettiva fil-qasam tal-iskambju tal-informazzjoni u l-proċeduri amministrattivi sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim;

ITENNU d-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ;

FTEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-għan u l-kamp ta' applikazzjoni

L-għan tal-Ftehim hu li jistabbilixxi mekkaniżmu (minn issa 'l quddiem "mekkaniżmu kumpensatorju" biex jiżgura li l-esportazzjonijiet mill-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem "l-UE") lejn il-Federazzjoni Russa (minn issa 'l quddiem riferuta bħala "ir-Russja") ta' partijiet u komponenti ta' vetturi bil-mutur kif definiti fl-Annessi 1 u 2 ta' dan il-Ftehim ma jonqsux wara d-dħul fis-seħħ tar-reġim ta' investimenti fis-settur awtomobilistiku stabbilit fl-Ordni Nru 73/81/58n tal-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku u l-Kummerċ tal-Federazzjoni Russa, il-Ministeru tal-Enerġija u l-Industrija tal-Federazzjoni Russa u l-Ministeru tal-Finanzi tal-Federazzjoni Russa tal-15 ta' April 2005 dwar l-Approvazzjoni tal-Proċedura li Tiddetermina l-Kunċett ta' "immuntar industrijali" u li Tistabbilixxi l-Aplikazzjoni tal-Kunċett fl-Importazzjoni fit-Territorju tal-Federazzjoni Russa tal-Komponenti ta' Muturi għall-Manifattura ta' Vetturi bil-Mutur għat-Trasport tal-Intestaturi 8701-8705 tas-CCFEA u l-Unitajiet u s-Settijiet tagħhom, kif emendati bl-Ordni Nru 678/1289/184n tal-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku tal-Federazzjoni Russa, il-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ tal-Federazzjoni Russa u l-Ministeru tal-Finanzi tal-Federazzjoni Russa tal-24 ta' Diċembru 2010 (minn issa 'l quddiem "Ordni 73").

Artikolu 2

Id-definizzjonijiet

1. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu:

"prodotti koperti" jfisser kwalunkwe prodott elenkat fl-Annessi 1 u 2 ta' dan il-Ftehim;

"esportazzjoni tal-UE" jfisser esportazzjonijiet mill-UE lejn ir-Russja;

"prodotti li joriġinaw fl-UE" jirreferi għall-merkanzija li toriġina fl-UE skont ir-regoli tal-oriġini definiti fl-Anness 5 ta' dan il-Ftehim; u

"rekwiżit ġenerali ta' kontenut lokali" jfisser l-livell medju annwali ta' lokalizzazzjoni tal-produzzjoni definit fl-Anness 1 tal-Ordni 73.

Artikolu 3

Is-sospensjoni jew it-tnaqqis tad-dażji doganali fuq l-importazzjonijiet

1. Jekk il-valur tal-esportazzjonijiet tal-UE ta' prodotti koperti f'sena kalendarja partikolari (minn issa 'l quddiem is-"sena a' bidu") jonqos meta mqabbel mal-livell limitu relevanti kif imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Ftehim, ir-Russja għandha tapplika d-dażji doganali relevanti tal-importazzjonijiet stabbiliti fl-Anness 1 u 2 ta' dan il-Ftehim għal ammont ta' importazzjonijiet koperti ta' oriġini tal-UE ddeterminati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu (minn issa 'l quddiem il-"kwota kumpensatorja").
2. Il-valur ta' kull kwota kumpensatorja għandu jikkorrispondi għad-differenza (espress fid-dollaru tal-Istati Uniti) bejn il-livell limitu għall-prodotti koperti kkonċernati u l-valur tal-esportazzjonijiet tal-UE tal-prodott koperti fis-sena ta' bidu espress fl-istess munita.
3. Ir-Russja għandha tiżgura li l-applikazzjoni ta' kwalunkwe kwota kumpensatorja skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu b'manjiera li tkun konsistenti mal-obbligi tagħha tad-WTO. Għal dan il-għan, ir-Russja għandha tiżgura li l-perċentwal tal-UE ta' kwota tariffa-rata akbar applikata skont l-Artikolu XIII tal-GATT 1994 għandu jkun daqs il-kwota kumpensatorja.
4. Filwaqt li d-daqs tal-kwota/i kumpensatorja/i għandu jiġi stabbilit b'tali mod li jikkunsidra l-evoluzzjoni tal-kummerċ għal-linji tariffarji kollha fl-Annessi 1 u 2 ta' dan il-Ftehim rispettivament, l-importazzjonijiet ta' prodotti taħt it-titoli tariffarji 8707 10 u 8707 90 ma għandhomx jitħallew fi ħdan il-kwoti kumpensatorji.

Artikolu 4

Id-definizzjoni ta' livelli limitu

1. Il-mekkaniżmu kumpensatorju għandu jibda japplika fuq il-bażi taż-żewġ limiti li ġejjin jew wieħed minnhom, skont il-każ:
 - (a) il-valur totali tal-esportazzjonijiet tal-UE lejn ir-Russja fl-2010 ta' magni elenkati fl-Anness 1 ta' dan il-Ftehim, espress f'dollari tal-Istati Uniti (minn issa 'l quddiem "dollari Amerikani"); u

- (b) il-valur totali tal-esportazzjonijiet tal-UE lejn ir-Russja fl-2010 ta' partijiet u komponenti (inklużi partijiet u komponenti għall-magni) elenakti fl-Anness 2 ta' dan il-Ftehim, espress f'dollari Amerikani.
2. Il-livelli limitu msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu huma stabbiliti fl-Anness 3 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 5

Kif jinbeda l-mekkaniżmu kumpensatorju

1. Fl-1 ta' Marzu ta' kull sena kalendarja, il-Partijiet għandhom jirrevedu l-istatistika tal-esportazzjonijiet tal-UE ta' prodotti koperti matul is-sena kalendarja ta' qabel pprovduta mir-Russja skont l-Artikolu 10 ta' dan il-Ftehim.
- Il-mekkaniżmu kumpensatorju għandu jibda japplika meta l-valur tal-esportazzjonijiet tal-UE tal-prodotti koperti matul is-sena ta' bidu jaqa' b'aktar minn 3 % taħt iż-żewġ livelli limitu rilevanti jew wieħed minnhom, li ġew stabbiliti fl-Anness 3 ta' dan il-Ftehim.
2. L-UE tista' tibda tapplika l-mekkaniżmu kumpensatorju permezz ta' notifika bil-miktub lir-Russja bbażata fuq l-istatistika li r-Russja għandha tipprovdi skont l-Artikolu 10 ta' dan il-Ftehim. Għall-ewwel perjodu ta' bidu, ir-Russja għandha tadotta miżuri kumpensatorji mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data tal-wasla ta' din in-notifika bil-miktub. Fejn kwota kumpensatorja tkun diġà fis-seħħ, għandu japplika l-Artikolu 7 paragrafu 2 ta' dan il-Ftehim. L-ewwel sena kalendarja li għandha tiġi mmonitorjata bħala sena ta' bidu possibbli għandha tkun is-sena 2012.

Artikolu 6

Ċirkostanzi eċċezzjonali

1. F'każ li l-kundizzjonijiet li jagħtu bidu għall-mekkaniżmu kumpensatorju, stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dan il-Ftehim, jiġu ssodisfati iżda jkun hemm tnaqqis sinifikanti fin-numru totali ta' karożżi mibjugħa fir-Russja (espressi f'unitajiet) fis-sena a' bidu meta mqabbla mas-sena ta' qabel, għandu japplika dan li ġej:
- (a) jekk ir-rata ta' tnaqqis ta' bejgħ ta' karożżi ġodda hija mill-inqas 25 % iżda ma taqbiżx il-45 %, id-daqs tal-kwota kumpensatorja li kieku tkun tapplika għandu jitkejjel b'dan il-mod:
- (i) jekk it-tnaqqis fil-bejgħ ta' karożżi ġodda jilħaq il-25 %, il-valur tal-kwota kumpensatorja se jitnaqqas b'25 %;
- (ii) għal kull tnaqqis ulterjuri bejn 25 % u 45 %, kull tnaqqis ta' 1 % fil-bejgħ ta' karożżi ġodda se jirriżulta fi tnaqqis ulterjuri ta' 3,75 % tal-valur tal-kwota kumpensatorja. Għaldaqstant, meta t-tnaqqis fil-bejgħ ta' karożżi ġodda jilħaq il-45 %, il-kwota kumpensatorja se tkun zero.

2. L-awtoritajiet Russi għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bi statistika marbuta mal-bejgħ ta' karożżi ġodda (f'unitajiet) fir-Russja skont l-Anness 4 ta' dan il-Ftehim.
3. L-awtoritajiet Russi għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih bl-intenzjonijiet tagħhom li japplikaw dan l-Artikolu u għandhom jipprovdu l-istatistika u l-analiżi meħtieġa li jipprovdu evidenza li l-kundizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ġew ssodisfati. Għandhom isiru konsultazzjonijiet b'talba mill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tar-Russja li tiftaħ il-kwota/i mnaqqsa jew l-ebda kwota/i kumpensatorja/i.

Artikolu 7

Il-kamp ta' applikazzjoni u t-tul tal-miżuri li jittieħdu skont il-mekkaniżmu kumpensatorju

1. Miżuri li jittieħdu skont il-mekkaniżmu kumpensatorju għandhom japplikaw għal perjodu minimu ta' 12-il xahar mid-data tal-introduzzjoni tagħhom. Għaxar xhur wara d-data tal-introduzzjoni tal-miżuri u, kull 12-il xahar wara, id-daqs tal-kwota kumpensatorja għandu jiġi rivedut fid-dawl tal-evoluzzjoni ulterjuri tal-esportazzjonijiet tal-UE tal-prodotti koperti matul is-sena kalendarja b'dan il-mod:
 - (a) jekk l-esportazzjonijiet tal-UE tal-prodotti koperti jkunu laħqu, fis-sena kalendarja tal-aħħar (minn issa 'l quddiem il-"perjodu ta' referenza"), livell daqs jew akbar minn dak tal-livell limitu rispettiv stabbilit fl-Anness 3 ta' dan il-Ftehim, ir-Russja jista' jkun li jkollha twaqqaf l-applikazzjoni tal-kwota kumpensatorja fi żmien xahrejn mid-data tar-reviżjoni;
 - (b) jekk l-esportazzjonijiet tal-UE tal-prodotti koperti, matul il-perjodu ta' referenza, ikunu inqas mill-livell limitu rispettiv stabbilit fl-Anness 3 ta' dan il-Ftehim, il-kwota kumpensatorja għandha tkompli tapplika għal 12-il xahar ieħor għal valur li jikkorrispondi mad-differenza bejn il-livell limitu u l-valur tal-importazzjonijiet rilevanti fil-perjodu ta' referenza.
2. Fil-każijiet deskritti fis-supagrafu (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ir-Russja għandha tiżgura li l-miżuri amministrattivi meħtieġa biex tkompli tapplika l-kwota kumpensatorja, bi kwalunkwe aġġustament meħtieġ, għandhom jiġi adottati mill-inqas 30 jum qabel it-tmiem tal-perjodu oriġinali li għalih tkun infetħet il-kwota kumpensatorja.

Artikolu 8

L-allokazzjoni tal-kwota kumpensatorja

1. L-allokazzjoni tal-kwota kumpensatorja għandha timmira li tiżgura l-ogħla livell possibbli tal-użu ta' dik il-kwota. Għal dan il-għan, ir-Russja għandha tamministra d-distribuzzjoni tal-kwota permezz ta' sistema ta' liċenzjar tal-importazzjonijiet.
2. Kwalunkwe persuna legali jew naturali li hija rreġistrata kif suppost fir-Russja, tista' tapplika għal liċenzja biex timporta fi ħdan il-kwota kumpensatorja. Prodotti koperti kkonċernati li joriġinaw mill-UE u li huma ppreżentati għall-approvazzjoni doganali għandhom igawdu mid-dazji tal-importazzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-

Anness 1 u/jew l-Anness 2 fi ħdan il-kwota kumpensatorja, ladarba jippreżentaw liċenzja tal-importazzjonijiet u prova tal-orijini skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness 5 ta' dan il-Ftehim. Ir-Russja ma għandhiex tagħmel tali importazzjonijiet fi ħdan il-kwota kumpensatorja, jew l-użu sussegwenti tat-tali prodotti importati fi ħdan kwota bħal din, soġġetti għal kwalunkwe kundizzjonijiet addizzjonali oħrajn kif mqabbla mal-importazzjonijiet tal-istess prodotti barra mill-kwota kumpensatorja, jew ma' kwalunkwe rekwiżiti ta' kontenut lokali.

3. L-allokazzjoni ta' kwota kumpensatorja lill-applikanti għandha ssir minnufih u skont metodu stabbilit permezz ta' att legali li r-Russja għandha tintroduċi b'konformità mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni Doganali tal-Federazzjoni Russa, ir-Repubblika tal-Belarus u r-Repubblika tal-Każakistan. Ir-Russja għandha tgħarraf lill-UE bil-leġislazzjoni rilevanti xħin din tiġi adottata. Dan il-metodu għandu jikkunsidra l-interessi tal-importaturi l-ġodda u daww tradizzjonali, b'kunsiderazzjoni speċjali tat-talbiet tal-applikanti li jkunu kkonkludew ftehimiet tal-investiment skont l-Ordni 73 u jalloka mill-inqas 10 % tal-kwota kumpensatorja lill-importaturi l-ġodda.
4. Il-proċeduri għall-kontroll tal-orijini tal-prodotti koperti kkonċernati huma stabbilit fl-Anness 5 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 9

Ir-relazzjoni mal-ftehimiet tal-investiment

Iċ-ċifra kumplessiva tal-importazzjonijiet fil-kwota kull sena mill-importaturi li jkunu kkonkludew ftehimiet tal-investiment skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness 1 u l-Anness 2 tal-Ordni 73 (imkejla f'valur assolut ta' daww l-importazzjonijiet għall-komponenti) tista' titnaqqas mill-valur ġenerali tal-produzzjoni ta' kull sena minn daww l-investituri f'partikolari, li għaliha japplika r-rekwiżit ġenerali ta' kontenut lokali stabbilit fl-Ordni 73.

Artikolu 10

Il-monitoraġġ

1. Ir-Russja għandha tippreżenta statistika tal-kummerċ kull xahar lill-UE skont l-Anness 4 ta' dan il-Ftehim, billi tibda mill-istatistika li tikkorrispondi mal-kummerċ fix-xahar ta' Jannar tal-2012. L-istatistika ta' kull xahar għandha tasal sa mhux aktar tard minn 30 jum wara t-tmiem tat-tali xahar. L-istatistika annwali għal kull sena sħiħa għandha tasal sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar tas-sena ta' wara kif previst fl-Anness 4 ta' dan il-Ftehim. Fejn tiġi stabbilita kwota kumpensatorja, u għat-tul sħiħ tat-tali kwota, ir-Russja għandha ttipprovdi wkoll informazzjoni lill-Kummissjoni kull xahar fir-rigward tal-liċenzji tal-importazzjoni li nħarġu għal dik il-kwota, hekk kif previst fl-Anness 4 ta' dan il-Ftehim.
2. Il-Partijiet għandhom iwettqu konsultazzjonijiet jekk matul perjodu ta' 12-il xahar, jiġi nnutat tnaqqis fl-esportazzjonijiet tal-UE ta' prodotti koperti li jkun inqas mil-

livell limitu korrispondenti. Wara d-dħul fis-seħħ tal-mekkaniżmu kumpensatorju, il-Partijiet għandhom iwettqu konsultazzjonijiet kull tliet xhur.

Artikolu 11

Il-konsultazzjonijiet

1. Għandhom isiru konsultazzjonijiet dwar kwalunkwe kwistjoni li tista' tinholq mill-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet. Kull konsultazzjoni għandha ssir bi spirtu ta' kooperazzjoni u b'xewqa ta' rikonċiljazzjoni tad-differenzi bejn il-Partijiet.
2. Il-konsultazzjonijiet għandhom ikunu mmexxija mid-dispożizzjonijiet li ġejjin:
 - kwalunkwe talba għal konsultazzjonijiet għandha ssir b'notifika bil-miktub lill-Parti l-oħra;
 - fejn xieraq, it-talba għandha tiġi segwita fi żmien raġonevoli b'rapport li jistabbilixxi r-raġunijiet wara l-konsultazzjonijiet; u
 - il-konsultazzjoni għandhom jibdwu fi żmien xahar mid-data tal-wasla tat-talba.
3. Il-konsultazzjonijiet għandhom jaspiraw li jaslu għal soluzzjoni li fuqha jaqblu ż-żewġ naħat fi żmien xahar mill-bidu tagħhom.

Artikolu 12

Il-mekkaniżmu ta' soluzzjoni għat-tilwim

1. Jekk Parti f'dan il-Ftehim tikkunsidra li l-Parti l-oħra naqset milli taqdi l-obbligi tagħha skont dan il-Ftehim, u l-konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 11 ta' dan il-Ftehim ma jirnexxilhomx jaslu għal soluzzjoni li jaqblu fuqha iż-żewġ partijiet fil-perjodu taż-żmien stabbilit fil-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu, it-tali Parti tista' titlob li jitwaqqaf panel ta' konċiljazzjoni skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni li Jistabbilixxi Sħubija Bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri Tagħhom, minn Naħa, u l-Federazzjoni Russa, min-Naħa l-Oħra, tal-24 ta' Ġunju 1994, sabiex jiġu stabbiliti r-regoli tal-proċedura biex tinsab soluzzjoni għat-tilwim skont dak il-Ftehim, adottat fis-7 ta' April 2004 (minn issa 'l quddiem, "Id-Deċiżjoni tal-PCA dwar Soluzzjoni għat-Tilwim")
2. Fejn isir rikors għal panel ta' konċiljazzjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-PCA dwar Soluzzjoni għat-Tilwim, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 2 ta' dik id-Deċiżjoni fir-rigward tal-konsultazzjonijiet. Huwa mifhum li kull meta dik id-Deċiżjoni tkun tirreferi għal tilwim rigward il-Ftehim dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni li Jistabbilixxi Sħubija Bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri Tagħhom, minn Naħa, u l-Federazzjoni Russa, min-Naħa l-Oħra, tal-24 ta' Ġunju 1994 (minn issa 'l quddiem il-"PCA"), dan għandu jittieħed bħala li jirreferi għal tilwim li jirrigwarda dan il-Ftehim.

3. Il-panel ta' konċiljazzjoni li twaqqaf skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux ikollu l-kompetenza li jikkunsidra l-kompatibilità mad-dispożizzjonijiet tal-PCA jew il-Ftehim tad-WTO ta' miżura ta' Parti eżaminata minn dak il-panel ta' konċiljazzjoni.
4. Jekk il-lista indikattiva tal-konċiljaturi prevista fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-PCA dwar Soluzzjoni għat-Tilwim ma tkunx ġiet stabbilita sa meta l-Parti titlob li jitwaqqaf panel ta' konċiljazzjoni skont l-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni għall-allegazzjoni ta' ksur ta' dan il-Ftehim, u jekk xi Parti tonqos milli taħtar konċiljatur jew il-Partijiet ma jirnexxilhomx jaslu għal ftehim mal-president tal-panel ta' konċiljazzjoni fi ħdan il-limiti taż-żmien rispettivi stabbiliti għal dan il-għan fl-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni, kwalunkwe Parti tista' titlob lid-Direttur Ġenerali tad-WTO biex jinnomina għall-ħatra lill-konċiljaturi li jifdal. Id-Direttur-Ġenerali tad-WTO, wara konsultazzjoni mal-partijiet fit-tilwima, jgħarraf liż-żewġ Partijiet bil-konċiljatur/i nominati sa mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data tal-wasla tat-tali talba.
5. Id-dispożizzjonijiet rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' kwalunkwe ftehim bejn l-UE u r-Russja sussegwenti għall-PCA (minn issa 'l quddiem il-"ftehim il-Ġdid"), għandhom japplikaw għat-tilwim marbut mal-allegat ksur tal-obbligi skont dan il-Ftehim. Huwa mifhum li kull meta l-Ftehim il-Ġdid jirreferi għal tilwim dwar il-Ftehim il-Ġdid, dan għandu jittieħed li qed jirreferi għat-tilwim marbut ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 13

Id-dħul fis-seħħ u t-tmiem ta' dan il-Ftehim

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri interni rispettivi tagħhom.
2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ 30 jum wara d-data li fiha l-Partijiet jagħmlu skambju ta' notifikazzjoni bil-miktub li jiċċertifikaw li huma jkunu lestew il-proċeduri interni rispettivi tagħhom jew f'data oħra li l-Partijiet ikunu ftehmew dwarha, iżda mhux aktar kmieni mid-data tas-sħubija tal-Federazzjoni Russa fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.
3. Sakemm jidħol fis-seħħ, dan il-Ftehim għandu jiġi applikat provviżorjament mid-data tal-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.
4. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sal-1 ta' Lulju 2018, jew sad-data li fiha r-Russja telimina l-elementi kollha inkompatibbli mad-WTO tar-reġim tal-investiment tagħha fis-settur awtomobilistiku, skont liema data tkun l-iktar tard.

Magħmul fi [...] fi [...] 20[.], f'duplikat kemm fil-lingwa Russa u kemm f'dik Ingliża, biż-żewġ testi jkunu awtentiċi ndaqs.

ANNESSI

Anness 1

Il-magni u dazji korrispondenti fuq l-importazzjonijiet fi ħdan il-kwota kumpensatorja

Merkanzija	Kodiċi b'10 figuri, CU CET	Deskrizzjoni	Rata ta' dazju fuq l-importazzjonijiet
Magni (mhux għal kodiċi "immuntar industrijali")	8407 34 910 9	----- oħrajn	0
	8407 34 990 8	----- oħrajn	0
	8407 90 900 9	----- oħrajn	0
	8408 20 550 8	----- oħrajn	0
	8408 20 510 8	----- oħrajn	0
	8408 20 579 9	----- oħrajn	0
	8408 20 990 8	----- oħrajn	0
Magni (kodiċi "immuntar industrijali")	8407 34 100 0	- - - għall-immuntar industrijali ta': traktors ikkontrollati minn xi ħadd bil-mixi tas-subtitolu 8701 10; vetturi bil-mutur tat-titolu 8703; vetturi bil-mutur tat-titolu 8704 b'magna b'ċilindrata inqas minn 2 800 cm ³ ; vetturi bil-mutur tat-titolu 8705	0
	8407 34 990 2	----- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur ta' HS 8701-8705 ta' magna b'ċilindrata mhux inqas minn 2800 cm ³ , ħlief vetturi bil-mutur imsemmija fis-subtitolu 8407 34 100 0	0
	8407 90 500 0	--- għall-immuntar industrijali ta': traktors ikkontrollati minn min ikun bil-mixi ta' HS 8701 10 000 0; vetturi bil-mutur tat-titolu HS 8703; vetturi bil-mutur ta' HS 8704 b'magna b'ċilindrata inqas minn 2800 cm ³ ; vetturi bil-mutur ta' HS 8705;	0
	8407 90 900 1	----- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur ta' HS 8701-8705 ta' magna b'ċilindrata mhux inqas minn 2800 cm ³ , ħlief vetturi bil-mutur imsemmija fis-subtitolu 8407 90 500 0	0
	8408 20 100 0	- - - għall-immuntar industrijali ta': traktors ikkontrollati minn min ikun bil-mixi tas-subtitolu 8701 10; vetturi bil-mutur tat-titolu 8703; vetturi bil-mutur tat-titolu 8704 b'magna b'ċilindrata inqas minn 2 500 cm ³ ; vetturi bil-mutur tat-titolu 8705	0
	8408 20 510 2	----- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur ta' HS 8701-8705, ta' magna b'ċilindrata mhux inqas minn 2500 cm ³ , iżda mhux aktar minn 3000 cm ³ , ħlief vetturi bil-mutur imsemmija fis-subtitolu 8408 20 100 0, ta' traktors bir-roti għall-użu fl-irziezet u fl-imsaġar	0
	8408 20 550 2	----- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur ta' HS 8701-8705, ta' magna b'ċilindrata mhux inqas minn 2500 cm ³ , iżda mhux aktar minn 3000 cm ³ , ħlief vetturi bil-mutur imsemmija fis-subtitolu 8408 20 100 0, ta' traktors bir-roti għall-użu fl-irziezet u fl-imsaġar	0
	8408 20 579 1	----- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur ta' HS 8701-8705, ta' magna b'ċilindrata mhux inqas minn 2500 cm ³ , iżda mhux aktar minn 3000 cm ³ , ħlief vetturi bil-mutur imsemmija fis-subtitolu 8408 20 100 0, ta' traktors bir-roti għall-użu fl-irziezet u fl-	0

		imsaġar	
8408 20 990 2	-----	għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur ta' HS 8701- 8705, ta' magna b'ċilindrata mhux inqas minn 2500 cm3, iżda mhux aktar minn 3000 cm3, ħlief vetturi bil-mutur imsemmija fis-subtitolu 8408 20 100 0, ta' traktors bir-roti għall-użu fl-irziezet u fl-imsaġar	0

Anness 2

Partijiet u komponenti oħrajn ta' vetturi bil-mutur (inklużi partijiet u komponenti tal-magni) u dazji korrispondenti għall-importazzjonijiet fi ħdan il-kwota kumpensatorja

Grupp ta' Merkanzija	Kodiċi b'10 figuri, CU CET	Deskrizzjoni	Rata ta' dazju fuq l-importazzjonijiet
Partijiet u Komponenti Oħrajn (mhux għall-kodiċi "immuntar industrijali")	3208 20 900 9	--- oħrajn	0
	3208 90 190 9	---- oħrajn	0
	3208 90 910 9	---- oħrajn	0
	3209 10 000 9	-- oħrajn	0
	3910 00 000 9	- oħrajn	10
	3917 23 100 9	---- oħrajn	0
	3917 31 000 9	--- oħrajn	0
	3917 32 990 9	----- oħrajn	0
	3926 30 000 9	-- oħrajn	0
	3926 90 980 8	---- oħrajn	10
	4009 12 000 9	--- oħrajn	0
	4016 93 000 8	--- oħrajn	0
	4016 99 520 9	----- oħrajn	5
	4016 99 580 9	----- oħrajn	5
	4823 90 909 1	---- kards, mhux ippanċjati, għall-magni li jippanċjaw il-kards, fi strixxi jew le	5
	4823 90 909 2	---- karti u kartun imtaqqaba għall-Jacquard u magni simili	5
	4823 90 909 8	---- oħrajn	5
	7007 11 100 9	---- oħrajn	3
	7007 21 200 9	----- oħrajn	3
	7009 10 000 9	-- oħrajn	3

7209 17 900 9	---- oħrajn	0
7209 27 900 9	---- oħrajn	0
7210 49 000 9	--- oħrajn	0
7219 34 900 9	---- oħrajn	0
7220 20 490 9	---- oħrajn	0
7304 31 200 9	---- oħrajn	5
7306 30 770 9	---- oħrajn	5
7306 40 800 9	--- oħrajn	5
7306 90 000 9	-- oħrajn	5
7307 99 900 9	---- oħrajn	5
7318 21 000 9	--- oħrajn	5
7318 22 000 9	--- oħrajn	5
7318 29 000 9	--- oħrajn	5
7320 20 200 9	--- oħrajn	0
7320 20 810 8	---- oħrajn	0
7320 20 850 8	---- oħrajn	0
7320 20 890 8	---- oħrajn	0
7320 90 900 8	---- oħrajn	5
7326 90 980 9	---- oħrajn	5
7616 99 100 9	---- oħrajn	0
8301 20 000 9	-- oħrajn	3
8301 60 000 9	-- oħrajn	0
8302 30 000 9	-- oħrajn	3
8302 60 000 9	-- oħrajn	3
8409 91 000 9	--- oħrajn	0
8409 99 000 9	--- oħrajn	0
8412 21 800 8	----- oħrajn	0
8412 90 400 8	--- oħrajn	0
8413 30 200 9	--- oħrajn	0
8413 30 800 9	--- oħrajn	0
8413 91 000 9	--- oħrajn	0
8414 30 810 6	----- ta' qawwa mhux aktar minn 0,4 kW, iżda mhux aktar minn	5

	1,3 kW	
8414 30 810 7	- - - - - ta' qawwa mhux aktar minn 1,3 kW, iżda mhux aktar minn 10 kW	5
8414 30 810 9	- - - - - oħrajn	5
8415 20 000 9	- - oħrajn	0
8415 90 000 2	- - ta' magni tal-arja kundizzjonata tas-subtitolu 8415 81, 8415 82 jew 8415 83, għall-użu fl-ajruplani ċivili	0
8415 90 000 9	- - oħrajn	0
8419 39 900 8	- - - - oħrajn	0
8421 99 000 8	- - - oħrajn	0
8481 80 739 9	- - - - - oħrajn	5
8482 10 100 9	- - - oħrajn	0
8482 10 900 1	- - - bi prezz CIF iddikjarat fil-fruntiera doganali li ma jaqbiżx it-2,2 ewro/kg piż totali	0
8482 10 900 8	- - - - oħrajn	0
8482 20 000 9	- - oħrajn	0
8482 40 000 9	- - oħrajn	0
8482 50 000 9	- - oħrajn	0
8482 80 000 9	- - oħrajn	0
8483 10 210 8	- - - - oħrajn	0
8483 10 250 9	- - - - oħrajn	0
8483 10 290 9	- - - - oħrajn	0
8483 30 800 8	- - - - oħrajn	0
8483 90 890 9	- - - - oħrajn	0
8507 10 920 9	- - - - oħrajn	5
8511 30 000 8	- - - oħrajn	5
8511 40 000 8	- - - oħrajn	3
8511 50 000 9	- - - oħrajn	0
8511 90 000 8	- - - oħrajn	5
8512 20 000 9	- - oħrajn	0
8512 30 100 9	- - - oħrajn	0
8512 30 900 9	- - - oħrajn	0
8512 40 000 9	- - oħrajn	0
8512 90 900 9	- - - oħrajn	0

8526 92 000 9	--- oħrajn	0
8527 21 200 9	----- oħrajn	0
8527 21 520 9	----- oħrajn	0
8527 21 590 9	----- oħrajn	0
8527 29 000 9	--- oħrajn	0
8531 90 850 8	--- oħrajn	5
8533 40 100 9	--- oħrajn	0
8534 00 110 9	--- oħrajn	0
8536 20 100 8	--- oħrajn	0
8536 20 900 8	--- oħrajn	0
8536 50 110 9	----- oħrajn	0
8536 50 150 9	----- oħrajn	0
8536 50 190 8	----- oħrajn	0
8536 90 100 9	--- oħrajn	0
8539 21 300 9	---- oħrajn	0
8539 29 300 9	---- oħrajn	0
8541 30 000 9	-- oħrajn	0
8542 39 900 1	----- wejfers li għandhom ma nqatgħux f'ċipep, boules	0
8542 39 900 5	----- oħrajn	0
8542 39 900 7	----- fotoriċevituri b'ċippa waħda u trażmettituri tal-IR fil-kodiċi IR-60 fuq il-frekwenza 30, 33, 36 kilohertz; integrazzjoni fuq skala kbira ta' sinkronizzazzjoni ma' kontroll tal-kristall kwarz mingħajr taħriġ mill-ġdid	0
8542 39 900 9	----- oħrajn	0
8543 70 200 9	--- oħrajn	0
8544 30 000 8	-- oħrajn	3
8544 49 800 8	----- oħrajn	10
8544 49 800 9	----- oħrajn	10
8544 60 900 9	--- oħrajn	10
8547 20 000 9	-- oħrajn	0
8706 00 910 9	--- oħrajn	0
8707 10 900 0	-- oħrajn	0
8707 90 900 9	--- oħrajn	15

8708 10 900 9	--- oħrajn	0
8708 21 900 9	---- oħrajn	0
8708 29 900 9	---- oħrajn	0
8708 30 910 9	--- oħrajn	0
8708 30 990 9	---- oħrajn	0
8708 40 500 9	---- oħrajn	0
8708 40 600 9	----- oħrajn	0
8708 40 800 9	----- oħrajn	0
8708 50 300 9	---- oħrajn	0
8708 50 500 9	----- oħrajn	0
8708 50 700 9	----- oħrajn	0
8708 50 800 9	----- oħrajn	0
8708 70 500 9	---- oħrajn	0
8708 70 910 9	---- oħrajn	0
8708 70 990 9	---- oħrajn	0
8708 80 300 3	----- of karożżi tat-trabi bil-karatteristiċi li ġejjin: Sforz massimu – H)kg.p): compression stroke - 235-280; back stroke - 1150-1060	0
8708 80 300 8	---- -oħrajn	0
8708 80 400 8	---- oħrajn	0
8708 80 500 9	---- -oħrajn	0
8708 80 800 2	---- -oħrajn	0
8708 91 300 9	---- -oħrajn	0
8708 91 500 9	----- oħrajn	0
8708 91 800 9	----- oħrajn	0
8708 92 300 9	---- -oħrajn	0
8708 92 500 9	----- oħrajn	0
8708 92 800 9	----- oħrajn	0
8708 93 900 9	---- oħrajn	0
8708 94 300 9	---- -oħrajn	0
8708 94 500 9	----- oħrajn	0
8708 94 800 9	----- oħrajn	0
8708 95 500 9	---- -oħrajn	0

	8708 95 900 9	---- -oħrajn	0
	8708 99 910 9	---- -oħrajn	0
	8708 99 990 9	---- -oħrajn	0
	9025 19 800 9	---- oħrajn	0
	9025 90 000 9	-- oħrajn	0
	9026 20 200 9	--- oħrajn	0
	9026 80 200 9	--- oħrajn	0
	9026 90 000 9	-- oħrajn	0
	9029 20 310 9	---- oħrajn	3
	9029 90 000 9	-- oħrajn	5
	9032 90 000 9	-- oħrajn	0
	9104 00 000 9	- oħrajn	0
	9401 20 000 9	-- oħrajn	5
	9401 90 800 9	---- oħrajn	0
	9603 50 000 9	-- oħrajn	0
Partijiet u Komponenti Oħrajn (kodiċi "immuntar industrijali")	3208 20 900 1	--- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur HS 8701– 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
	3208 90 190 1	--- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701-8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
	3208 90 910 1	---- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701-8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
	3209 10 000 1	-- għall-immuntar industrijali tal-vetturi bil-mutur HS 8701-8705	0
	3910 00 000 9	- oħrajn	10
	3917 23 100 1	---- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
	3917 31 000 1	--- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
	3917 32 990 1	---- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
	3926 30 000 1	-- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
	3926 90 980 3	--- għall-immuntar industrijali tal-vetturi bil-mutur HS 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	10
	4009 12 000 1	--- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
	4016 93 000 1	--- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0

4016 99 520 1	----- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	5
4016 99 580 1	----- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	5
4823 90 909 3	----- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	5
7007 11 100 1	----- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	3
7007 21 200 1	----- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	3
7009 10 000 1	- - għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	3
7209 17 900 1	----- għall-immuntar industrijali tal-vetturi bil-mutur ta' HS 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
7209 27 900 1	----- għall-immuntar industrijali tal-vetturi bil-mutur ta' HS 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
7210 49 000 1	--- 1500 mm jew usa', għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
7219 34 900 1	----- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
7220 20 490 1	----- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
7304 31 200 1	----- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701-8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	5
7306 30 770 1	----- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701-8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	5
7306 40 800 1	- - - għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701-8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	5
7306 90 000 1	- - għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur ta' HS 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	5
7307 99 900 1	----- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	5
7318 21 000 1	- - - għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	5
7318 22 000 1	--- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	5
7318 29 000 1	--- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	5
7320 20 200 1	--- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
7320 20 810 1	----- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
7320 20 850 1	----- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0

7320 20 890 1	--- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
7320 90 900 1	--- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	5
7326 90 980 1	---- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	5
7616 99 100 1	---- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
8302 60 000 1	-- għall-immuntar industrijali tal-vetturi bil-mutur ta' HS 8701 - 8705	3
8301 20 000 1	-- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	3
8301 60 000 1	-- lokkijiet maħsuba għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
8302 30 000 1	-- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	3
8409 91 000 1	-- għal magni maħsuba għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
8409 99 000 1	-- għal magni maħsuba għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
8412 21 800 6	---- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
8412 90 400 3	-- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
8413 30 200 1	-- għall-immuntar industrijali ta' vetturi bil-mutur tat-titoli 8701 - 8705, l-unitajiet u l-aggregati tagħhom	0
